MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2004

Numru 308/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Tonna)**

**vs**

**PHILIP ATTARD**

**Illum 24 ta' Mejju, 2004**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Philip Attard ta' 38 sena mwieled Tarxien, nhar il-1 ta' Ottubru 1965 bin Nazzareno u Helen nee Degiorgio residenti 7 Carmel Street Fgura detentur ta' Karta ta' l-Identita Nru. 491065M gie akkuzat:

Talli nhar it-18 ta’ April 2004 ghall-habta ta’ 8.15 am gewwa l-Ghassa ta’ San Giljan quddiem l-Ispettur Tonna u is-Surgent 500 J. B. Giusti bil-qerq, holoq jew gieghel jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu ‘l quddiem jiswew bi prova kontra diversi membri tal-korp tal-Pulizija bil-hsieb li b’hekk dawn il- ufficjali pubblici ikunu jistghu jigu kontra s-sewwa akkuzati jew misjuba hatja ta’ reat u dan ai terminu tal-artikolu 110 (1) tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli nhar it-18 ta’ April 2004, mata kien jaf li dawk l-ufficjali pubblici huma innocenti u dan l il-lejl u anke fl-istess gurnata bejn it-8.15 am u 9.00 am bil-hsieb li jaghmel hsara lill persuni membri tal-Korp tal-Pulizija quddiem awtorita kompetenti b’reat, fil-waqt li kien jaf li huma innocenti u dan ai terminu tal-artikolu 101 (1), (a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U katar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi iddenunzja Quddiem l-Ispettur Mario Tonna u PS500 J. B. Giusti reat li jaf li ma sarx inkella bil-qerq holoq tracci ta’ reat b’mod li jistgha jinbdew proceduri kriminali kontra ufficjali tal-korp tal-Pulizija sabiex tizgura li dak ir-reat kien sar u dan ai terminu tal-artikoli 110 (2) tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli gewwa San Giljan u cioe, gewwa Triq San Gorg Paceville u gewwa l-ghassa tal-Pulizija ta’ San Giljan fil-perjodu ta’ bejn il-00.45am tat-18 ta’ April 2004 sa 2.15am ta’ l-istess ingurja, jew hedded il- persuni ta’ PS1492 J. Pace, PS504 S. Ellul, Pc1030 B.Sammut, PC593. R.Flores, PC1148 A.Zahra, PC1207, R. Said Sareo WPC133 A. Attard, WPC185 V.Xuereb bhala persuni inkarigati skond il-ligi min servizz publiku waqt li kienu qed jaghmlu dan is-servizz bill-hsieb li jbezzghahom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra il- ligi fl- esekuzzjoni ta l-istess servizz u dan ai terminu ta l-artikolu 95 tal kapitlu 9 tal- ligijiet ta Malta.

U aktar talli gewwa l-ghassa ta’ San Giljan matul il-lejl tat-18 ta’ April 2004 bil-hsieb li jtellef il-Gieh jew inaqqas il gieh ta’ l-Onorevoli Prim Ministru Dr. L. Gonzi LL.D., l-

Onorevoli Ministru Dr. T. Borg LL.D., il-Kummissarju tal-Pulizija Is-Sur J. Rizzo, l-Ispettur M. Tonna, u il-embri tal-Korp tal- Pulizija imsemmija aktar hawn fuq u dana ai terminu tal-Artikolu 252 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli gewwa il-Poliklinika tal-Gvern li tinsab gewwa il-Gzira nhar it-18 ta’ April 2004 ghall-habta ta’ 2.45am ingurja jew hedded il-persuna ta’ Dr. Mario Grixti MD bhala persuna inkarigat skond il-ligi min servizz publiku waqt li kien qed jaghmel dan is-servizz bill- hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra il- ligi fl- esekuzzjoni ta l-istess servizz u dan ai terminu ta l-artikolu 92 u 95 tal kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

U aktar talli nhar it-18 ta’ April 2004 ghall-habta ta’ 3.00 am gewwa gewwa l-kawartieri general tal-Pulizija ingurja jew hedded il-persuni ta’ l-Ispettur Mario Tonna bhala persuna inkarigat skond il-ligi min servizz publiku waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li ghamel dan is-servizz bill- hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra il- ligi fl-esekuzzjoni ta l-istess servizz u dan ai terminu ta’ l-artikolu 92 u 95 tal kapitlu 9 tal- ligijiet ta Malta.

U aktar talli nhar it-18 ta’ April 2004 ghall- habta ta’ 11.00 am gewwa l-ghassa ta’ San Giljan 2004 ma obdiex lordnijiet legittimi lilu moghtija minn PC628 W. Sargent u dan ai terminu tal-artikolu 338 (ee) tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli nhar it-18 ta’ April 2004 matul il-lejl u cioe` fil-hinijiet bikrija ta’ filghodu kiser il-paci pubblika u buon ordni u dan ai terminu tal-artikolu 338 (ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess postijiet, hinijiet u taht l-istess cirkostanzi qal kliem fahxi li jikkonsisti f’dagha u dan ai terminu tal-artikolu 342 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli kiser il-kundizzjonijiet imposti fuq mill-onorabbli Qorti imposti fuq mill-Magistrat Dottor S. Meli LL.D. meta giet imposta fuqu sentenza ta’’Ordni ta'

‘probation’ taht l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li tipprovdi assigurta ta l-imsemmija ufficjali pubblici b’ dawk bil provedimenti li hija jidrilha xieraq u dan ai terminu ta l-artikolu 383 tal kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u id-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. MSD1 u nnutat li l-imputat m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta ta’ llum l-imputat iddikjara li qed jammetti l-akkuzi kollha u ddikjara wkoll li jiskuza ruhu ghal dak li ghamel.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega’ wiegeb li hu hati.

Innutat ukoll li Dr. Jose` Herrera ghall-imputat fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum iddikjara ghal kull buon fini illi l-incident awtomobilistiku li ssuccieda f’dawn ic-cirkostanzi kien tort unikament tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Innutat li l-Ufficjal Prosekutur iddikjara fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum li hu konsapevoli li l-imputat ghandu problemi ta’ uzura, li fil-perjodu tal-kummissjoni tar-reati meritu ta’ din il-kawza kien ghaddej u ghadu ghaddej minn fazi qawwija ta’ dipressjoni, li l-imputat telqitu martu u li ghandu problemi kbar finanzjarji u ta’ sahha.

Rat l-artikoli 110, 101 (1) (a), 95, 252, 92, 338 (ee), 338 (dd), 338 (bb) u 342 tal-Kap. 9 u l-artikoli 22 u 23 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Philip Attard, fuq ammissjoni, hati ta’ l-akkuzi migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-Ufficjal Prosekutur iddikjara fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum li hu konsapevoli li l-imputat ghandu problemi ta’ uzura, li fil-perjodu tal-kummissjoni tar-reati meritu ta’ din il-kawza kien ghaddej u ghadu ghaddej minn fazi qawwija ta’ dipressjoni, li l-imputat telqitu martu u li ghandu problemi kbar finanzjarji u ta’ sahha, bl-applikazzjoni tal-artikolu 21 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Philip Attard ghall-piena komplessiva ta’ elf liri Maltin (Lm1,000) multa.

Inoltre l-Qorti a tenur tal-artikolu 109 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta timponi fuq l-imputat Philip Attard interdizzjoni generali, kif ukoll interdizzjoni milli l-istess imputat iservi bhala xhud, hlief quddiem il-qrati tal-gustizzja, u bhala perit, f’kull kaz li jkun, u dan ghal zmien hames (5) snin millum.

Finalment il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-imputat Philip Attard b’obbligazzjoni personali ta’ mitt Liri Maltin (Lm100) li bl-ebda mod ma jimmolesta lil l-Onor. Prim Ministru Dr. L. Gonzi, l-Onor. Ministru Dr. T. Borg, il-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur J. Rizzo, l-Isp. M. Tonna, Dr. Mario Grixti M.D., PS 1492 J. Pace, PS 504 S. Ellul, PC 1030 B. Sammut, PC 593 R. Flores, PC 1148 A. Zahra, PC 1207 R. Said Sarreo, WPC 133 A. Attard u WPC 185 V. Xuereb ghal zmien sena millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------